Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 9/2014AE

**Joseph u Josephine Gatt**

**Vs**

**J.J. Scerri Co Ltd**

L-Erbgha, 16 ta' Dicembru 2015.

Permezz ta' sentenza tad-29 ta' April 2014, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi kkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta' €400. L-atturi lmentaw li kienu xtraw *fridge/freezer* u wara li nxtrat zviluppat hsara.

Is-socjeta intimata appellat. L-aggravji huma:-

1. Kien hemm vjolazzjoni tad-drittijiet tas-socjeta appellanti ghaliex it-Tribunal ibbaza d-decizjoni fuq rapport ta' perit tekniku li naqas milli jezamina l-*fridge* b'apparat skond is-sengha u l-arti. Inoltre s-socjeta intimata kienet ipprezentat talba ghall-hatra ta' perit tekniku iehor u qatt ma nghata digriet. Dan ifisser li t-Tribunal ha decizjoni minghajr ma kkunsidra 'l fatti u dokumenti kollha.
2. L-espert ammetta li m'ghandux esperjenza fil-*fridges* domestici. Fil-fatt ma kellux apparat biex jispjezzjona l-*fridge*, uza temperature meter li tah l-attur u minghajr ma gie kalibrat.
3. L-azzjoni hi perenta skond l-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili.

Il-konvenut wiegbu fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud.

Il-qorti rat l-atti.

1. Skond l-Artikolu 22 tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, appell jista' jsir:

   *"1(a) fuq kull haga li jkollha x'taqsam mal-gurisdizzjoni tat-Tribunal; jew*
   *(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni; jew*
   *(c) meta t-tribunal ikun mar kontra l-principji ta' gustizzja naturali u dik l-azzjoni tkun ippregudikat il-jeddijiet ta' min jappella".*

**L-Ewwel Aggravju**.

1. Mill-provi ma rrizultax li t-Tribunal mar kontra l-principji tal-gustizzja naturali. Waqt is-smiegh tal-provi, kull parti nghatat l-opportunita li tressaq il-provi li riedet.

2. L-appellanti tilmenta li t-Tribinal ibbaza d-decizjoni fuq rapport ta' espert li naqas milli jezamina l-*fridge* b'apparat skond is-sengha u pprezenta rapport ghal kollox zbaljat. It-Tribunal inkariga lill-Inginier Emanuel Scerri li pprezenta rapport fejn irrelata:

   *"The appliance, as is working, lacks in performance towards reasonable temperature control. The appliance is not keeping temperature settings and this even when the fridge is operated according to the suppliers recommendations with regards to the temperature control knob setting located within the fridge. Moreover the fridge is spilling water onto the floor. These circumstances have been tried to be dealt with a number of occasions by the supplier. The suppliers repairs have not prevented repeat occurrence of original failures (considering that the fridge/freezer is a new appliance), therefore the fridge is considered having a latent defect which renders the unit unfit for its intended use"*.

   Meta l-perit tekniku xehed[1] qal li kien hemm varjazzjoni fit-temperatura tal-*fridge* li ma jqiesx li hi normali. Zied: *"Mhux normali wkoll illi wiehed irid jiddifrostja meta din il-fridge/freezer hija non-frost. Nghid illi mhix normali li fridge taghmel hsejjes"*.

   Dakinhar inghalaq il-gbir tal-provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza.

3. It-talba ghall-hatra ta' espert tekniku saret f'nota ta' sottomissjonijiet li pprezentat is-socjeta intimata fl-14 ta' Marzu 2014. F'dak l-istadju kien inghalaq l-istadju tal-gbir tal-provi. L-appellanti ma tat l-ebda raguni valida ghalfejn it-talba saret wara li nghalaq il-gbir tal-provi. Hu veru li fis-sentenza m'hemmx riferenza ghat-talba, pero' jibqa' 'l fatt li:-

   i. talba m'ghandhiex issir f'nota ta' sottomissjonijiet;
   ii. f'kull kaz f'dak l-istadju kienu nghalqu l-provi. L-appellanti ma ggustifikatx ghalfejn it-talba saret wara li nghalqu l-provi;

   Wara li jinghalqu provi m'ghandux ikun li xi parti terga' tipprova tiftah l-istadju tal-gbir tal-provi, jekk mhux ghal xi raguni eccezzjonali. Cirkostanza li f'dan il-kaz ma tirrizultax.

[1] Seduta tal-24 ta' Frar 2014.

**It-Tieni Aggravju**.

4. L-appellanti tilmenta li l-inginier Scerri m'ghandux esperjenza fir-rigward ta' *fridges* domestici.

5. Mill-atti jirrizulta li fis-seduta tal-1 ta' Ottubru 2013 it-Tribunal innomina lill-inginier Emanuel Scerri sabiex wara li jispezzjona l-*fridge* oggett tal-kawza, jirrelata dwarha. F'dak l-istadju hadd mill-partijiet ma oggezzjona ghan-nomina.

6. Jirrizulta li fil-bidu ta' Jannar 2014 ir-rapport tal-perit tekniku gie nserit fl-atti u kopja ntbaghatet lill-partijiet. Mill-atti jirrizulta wkoll li fit-8 ta' Jannar 2014 is-socjeta intimata rceviet ir-rapport. L-appellanti kellha kull opportunita' li tirregola ruhha qabel inghalaq il-gbir tal-provi. Wara kien tard wisq.

7. Fis-seduta tal-25 ta' Frar 2014, il-kawza thalliet ghas-sentenza. Kien biss f'nota prezentata fl-14 ta' Marzu 2014 li s-socjeta intimata allegat ghall-ewwel darba li l-espert gudizzjarju ma kienx jifhem fil-*fridges*. L-affarijiet ma jsirux hekk.

8. Il-kumplament tal-ilmenti dwar ir-rapport tal-perit tekniku mhu xejn ghajr apprezzament tal-fatti. Materja li dwarha m'hemmx jedd ta' appell in vista tal-ammont fil-kwistjoni. It-Tribunal kellu parir ta' nginier, u l-qorti ma tarax kif it-Tribunal seta' jiskarta din il-prova. Dan apparti li meqjus l-ammont in kwistjoni, m'hemmx appell fuq 'il fatti (ara Artikolu 22 tal-Kap. 378).

**Tielet Aggravju**.

9. L-eccezzjoni li l-azzjoni hi perenta b'applikazzjoni tal-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili, hi bla bazi meta tqies:-

   i. Il-*fridge* nxtrat fis-26 ta' Marzu 2012 u l-konsenja lill-atturi saret fit-28 ta' Marzu 2012.

   ii. Mid-dikjarazzjoni tal-atturi jirrizulta li fil-5 ta' Lulju 2012 ilmentaw mas-socjeta konvenuta, li min-naha taghha ndagat l-ilmenti tal-atturi. Jirrizulta wkoll li l-*fridge* kienet ittiehdet ghal xi granet f'workshop tas-socjeta intimata. Jidher li l-ilmenti principali kienu li johrog ilma minn tahtha, ikun hemm is-silg mal-faxxata tal-kxaxen tal-friza meta suppost hi *no frost*, u ma tkessahx kif suppost. Skond dokument mehmuz mar-rapport tal-perit tekniku:

   *"The situation is completely different in no-frost fridges. Dry and cold air is blown into the fridge and freezer compartments homogeneously and evenly from several*

*points via a blower fan. Cold air dispersed homogeneously and evenly between the shelves cools all of your food equally and uniformly, thus preventing humidity and freezing".*

Il-fridge li xtraw l-atturi hi *no frost*. Dan ifisser li m'hemmx ghalfejn li kull tant zmien isir *defrosting*. Pero' f'ittra datata 4 ta' Mejju 2013, li l-konvenuta baghatet lill-atturi, ipproponiet li: *"Kull meta tisma' l-fan ihabbat mas-silg iddifrostja r-refrigerator ghax dak ikun is-silg li trabba fuq wara fejn hemm il-fan"*. Jekk hi fridge *no frost* mhux suppost li jkun hemm bzonn li jsir process ta' *defrosting.* Meta xehed Michael Scerri, rapprezentant tas-socjeta konvenuta, qal li: *"f'Malta hemm wisq umdita' fl-arja u fridge-freezer ta' dan it-tip ma jiflahx ghaliha"*. Jekk hu hekk mela l-fridge li nbieghet lill-atturi m'hijiex tal-kwalita pattwita (Artikolu 1390 tal-Kodici Civili), u f'tali cirkostanzi ma japplikax l-Artikolu 1431 tal-Kodici Civili.

**Ghal dawn il-motivi tichad:-**

1. **L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.**
2. **Il-kumplament tal-appell tas-socjeta appellanti.**

**Spejjez kontra s-socjeta appellanti**.

Anthony Ellul.